KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-28 ta' Marzu 2019[1]

**Kawża C-197/18**

**Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland,**
**Robert Prandl,**
**Gemeinde Zillingdorf,**
**fil-preżenza ta':**
**Bundesministerin für Nachhaltigkeit und Tourismus, preċedentement Bundesminister für Land und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta' Vjenna, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ambjent – Direttiva 91/676/KEE – Protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli – Riskju li jinqabżu l-valuri ta' limitu jew il-limiti ta' twissija – Obbligu li jiġi stabbilit programm ta' azzjoni – Effett dirett – Drittijiet ta' persuni kkonċernati"

## I. Introduzzjoni

1. L-Unjoni Ewropea adottat regoli kontra t-tniġġis tal-ilma kkawżat min-nitrati sa mill-1991, jiġifieri d-Direttiva dwar l-ilma mormi[2], li tirregola, partikolarment, il-kostruzzjoni u l-operat ta' impjanti tat-trattament ta' effluwenti, u d-Direttiva dwar in-nitrati[3], li tikkonċerna n-nitrati li joriġinaw mill-agrikoltura. L-għan ta' dawn il-miżuri huwa li l-ewwel u qabel kollox jiġu protetti l-ekosistemi minn provvista eċċessiva ta' nutrijenti. Madankollu, fl-istess ħin, in-nitrati huma assoċjati wkoll ma' riskji għas-saħħa, partikolarment għal trabi żgħar ħafna[4]. Id-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb[5] għalhekk tinkludi valur ta' limitu ta' 50 mg/l nitrati, li huwa valur inkluż ukoll fid-Direttiva dwar in-nitrati.

2. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li huma distributur tal-ilma, individwu u komun, għalhekk qegħdin jitolbu miżuri sabiex ikun żgurat li l-ilma ta' taħt l-art ikun fih inqas minn 50 mg/l nitrati. L-awtoritajiet kompetenti, min-naħa l-oħra, jikkontestaw li r-rikorrenti għandhom id-dritt li jitolbu tali miżuri. Huwa wkoll ikkontestat jekk hemmx bżonn ta' miżuri ulterjuri u jekk ir-regoli rilevanti għandhomx effett dirett.

1 Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament ta' l-ilma urban mormi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26).

3 Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 68).

4 Umweltbundesamt (l-Uffiċċju Federali għall-Ambjent, il-Ġermanja) (https://www.umweltbundesamt.de/faqs-zu-nitrat-im-grund-trinkwasser#textpart-4).

5 Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 4, p. 90), kif ġiet emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/1787 tas-6 ta' Ottubru 2015 li temenda l-Annessi II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU 2015, L 260, p. 6).

3. Din il-kawża tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja opportunità oħra sabiex tittratta l-kwistjoni ta' min jista' jinvoka d-dispożizzjonijiet ambjentali tad-dritt tal-Unjoni quddiem il-qrati nazzjonali. Barra minn hekk, għall-ewwel darba ser jiġi diskuss sa fejn hija possibbli l-invokazzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati quddiem dawn il-qrati.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus*

4. Skont il-punti 4 u 5 tal-Artikolu 2 ("Definizzjonijiet") tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [6]:

"4. 'il-pubbliku' tfisser persuna fiżika jew ġuridika waħda jew iktar, u, konformement mal-leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali, l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom;

5. 'il-pubbliku kkonċernat' tfisser il-pubbliku li huwa affettwat jew li jista' jkun affettwat mid-deċiżjonijiet meħuda fil-qasam ambjentali jew li għandu interess li jrid jinvoka fir-rigward tal-proċess deċiżjonali; [...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5. L-Artikolu 3(6) tal-Konvenzjoni jikkonċerna r-relazzjoni mad-drittijiet eżistenti:

"Din il-Konvenzjoni ma teħtieġ l-ebda deroga mid-drittijiet eżistenti ta' aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6. L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni jipprevedi dritt għal azzjoni:

"Barra minn dan u bla ħsara għall-proċeduri ta' stħarriġ imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 iktar 'il fuq, kull parti għandha tiżgura li, meta jissodisfaw il-kriterji, jekk ikun hemm, stabbiliti fid-dritt nazzjonali tagħha, membri tal-pubbliku għandu jkollhom aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jikkontestaw atti u ommissjonijiet minn persuni privati jew awtoritajiet pubbliċi li jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha relatati mal-ambjent." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

### *B. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Id-Direttiva dwar in-nitrati*

7. Is-sitt premessa tad-Direttiva dwar in-nitrati tindirizza l-għan protettiv tad-Direttiva dwar in-nitrati:

"Billi huwa għalhekk meħtieġ, sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u r-riżorsi ħajjin u l-ekosistemi akwatiċi u sabiex jiġu salvagwardjati l-użi leġittimi l-oħra ta' l-ilma, li jitnaqqas it-tniġġis ta' l-ilma ikkawżat jew imdaħħal bin-nitrati minn sorsi agrikoli u sabiex jiġi prevenut iktar tniġġis bħal dan; [...]"

8. It-tlettax-il premessa tad-Direttiva dwar in-nitrati tindirizza l-qafas ta' żmien tal-miżuri ta' protezzjoni.

"Billi huwa magħruf illi l-idroġeoloġija f'ċerti Stati Membri hija hekk illi jistgħu jgħaddu ħafna snin qabel ma miżuri ta' protezzjoni jwasslu għal titjib fil-kwalità ta' l-ilma; [...]"

6 Il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali tal-1998 (ĠU 2005, L 124, p. 4), approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2005, L 124, p. 1).

9. L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati jistabbilixxi l-għanijiet speċifiċi tagħha:

"Din id-Direttiva għandha l-mira li:

– tnaqqas it-tniġġis ta' l-ilma kkawżat jew imdaħħal bin-nitrati minn sorsi agrikoli u

– tipprevjieni aktar tniġġis minn dan."

10. Il-kunċett ta' tniġġis huwa ddefinit fl-Artikolu 2(j) tad-Direttiva dwar in-nitrati bħala:

"[…]l-iskarigu, b'mod dirett jew indirett, tal-komponenti tan-nitroġenu minn sorsi agrikoli fl-ambjent akwatiku, li r-riżultati tiegħu huma hekk illi jikkaġunaw perikli għall-ħajja tal-bniedem, ħsara għar-riżorsi ħajjin u għall-ekosistemi ta' l-ilma, ħsara għall-amenitajiet jew interferenza fuq l-użi l-oħra leġittimi ta' l-ilma".

11. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar in-nitrati, l-Istati Membri għandhom, bħala prinċipju, jiddeterminaw żoni vulnerabbli:

"L-ilmijiet effettwati bit-tniġġis u l-ilmijiet li jistgħu jiġu effettwati bit-tniġġis jekk ma titteħidx azzjoni skond l-Artikolu 5 għandhom jiġu identifikati mill-Istati Membri skond il-kriterji stabbiliti f'l-Anness I."

12. Madankollu, l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar in-nitrati jipprovdi eċċezzjoni għal dan:

"L-Istati Membri għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jidentifikaw żoni vulnerabbli speċifiċi, jekk jistabbilixxu u japplikaw il-programmi ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 5 skond din id-Direttiva fit-territorju kollu tagħhom."

13. Skont it-talba għal deċiżjoni preliminari, l-Awstrija tagħmel użu mid-deroga prevista fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva dwar in-nitrati.

14. L-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar in-nitrati jirregola l-hekk imsejħa programmi ta' azzjoni:

"1. […] [L]-Istati Membri għandhom, bl-iskop li jilħqu l-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 1, jistabbilixxu programmi ta' azzjoni rigward iż-żoni nnominati vulnerabbli.

2. […]

3. […]

4. Il-programmi ta' azzjoni għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin minn meta jiġu stabbiliti u għandhom jikkonsistu mill-miżuri obbligatorji li ġejjin:

(a) il-miżuri f'L-Anness III;

(b) dawk il-miżuri li l-Istati Membri jkunu stabbilew fil-kodiċi/jiet ta' prattika agrikola tajba stabbiliti skond l-Artikolu 4, għajr dawk li posthom ikun ġie meħud mill-miżuri f'l-Anness III.

5. L-Istati Membri għandhom barra minn hekk jieħdu, fil-qafas tal-programmi ta' azzjoni, dawk il-miżuri addizzjonali jew azzjonijiet imsaħħa li jqisu li huma meħtieġa jekk, fil-bidu jew fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' azzjoni, ikun jidher biċ-ċar illi l-miżuri msemmija fil-paragrafu 4 ma jkunux biżżejjed għalbiex jinkisbu l-miri speċifikati fl-Artikolu 1. Fil-għażla ta' dawn il-miżuri jew azzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iqisu l-effiċjenza tagħhom u l-ispejjeż tagħhom fejn għandhom x'jaqsmu l-miżuri preventivi l-oħra possibbli.

6. L-Istati Membri għandhom ifasslu u jimplimentaw programmi ta' monitoraġġ xieraq sabiex jivvalutaw l-effiċjenza tal-programmi ta' azzjoni stabbiliti skont dan l-Artikolu.

L-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 5 fit-territorju tagħhom kollu għandhom jimmonitorjaw il-kontenut tan-nitrat fl-ilma (l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art) f'lokalitajiet magħżula għall-kejl li jagħmluha possibbli li jiġi stabbilit l-ammont tat-tniġġis min-nitrat fl-ilmijiet minn sorsi agrikoli.

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jekk meħtieġ jikkorreġu l-programmi ta' azzjoni tagħhom, inkluża kull miżura addizzjonali meħuda skond il-paragrafu 5, mill-inqas kull erba' snin. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b' kull tibdil fil-programmi ta' azzjoni."

15. L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva dwar in-nitrati jirregola l-obbligu ta' rappurtar tal-Istati Membri:

"L-Istati Membri għandhom, rigward il-perjodu taż-żmien ta' erba' snin wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni u rigward kull perjodu taż-żmien ta' erba' snin li jiġu wara, jissottometti rapport lill-Kummissjoni li jkun fih it-tagħrif deskritt fil-qosor f'L-Anness V."

16. L-Anness I għad-Direttiva dwar in-nitrati jistabbilixxi l-kriterji għad-definizzjoni ta' żoni vulnerabbli. Il-punt A(2) jikkonċerna l-ilma ta' taħt l-art:

"jekk l-ilma ta' taħt l-art ikunx fih jew le aktar minn 50 mg/l nitrati jew jistax ikun fih jew le aktar minn 50 mg/l nitrati jekk ma titteħidx l-azzjoni skond l-Artikolu 5".

17. Skont il-punt 4(e) tal-Anness V għad-Direttiva dwar in-nitrati, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-previżjonijiet tagħhom dwar l-effettività tal-programmi ta' azzjoni tagħhom:

"is-suppożizzjonijiet magħmula mill-Istati Membri dwar iż-żmien li fih l-ilmijiet identifikati skond l-Artikolu 3(1) ikunu x'aktarx mistennija jwieġbu għall-miżura fil-programm ta' azzjoni, flimkien ma' indikazzjoni tal-livell ta' inċertezza imdaħħla f'dawn is-suppożizzjonijiet".

*2. Id-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb*

18. L-Artikolu 5(1) u (2) tad-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb jirregola l-istandards minimi għall-ilma tax-xorb:

"(1) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri applikabbli għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-parametri mniżżla fl-Anness I.

(2) Il-valuri stabbiliti skond il-paragrafu 1 m'għandhomx ikunu anqas stretti minn dawk dikjarati fl-Anness I. […]"

19. Skont il-parti B tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb, il-valur ta' limitu għan-nitrati huwa 50 mg/l.

*3. Id-Direttiva Qafas dwar l-ilma*

20. L-Artikolu 4(1)(b)(ii) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma[7] jippreċiża l-għanijiet ambjentali relatati mal-ilma ta' taħt l-art:

"L-Istati Membri jridu jipproteġu, jiżviluppaw u jsaħħu l-korpi kollha ta' l-ilma ta' taħt l-art, jiżguraw bilanċ bejn estrazzjoni u charge mill-ġdid ta' l-ilma ta' taħt l-art, bil-mira għal ksib ta' stat tajjeb ta' l-ilma ta' taħt l-art mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, skond mad-disposizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skond paragrafu 4 u għall-applikazzjoni ta' paragrafi 5, 6 u 7 mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u bla ħsara għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu11(3)(j)."

21. L-Artikolu 4(1)(ċ) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jinkludi sistema speċjali għal żoni protetti:

"L-Istati Membri jridu jikkonformaw ma' kull standard u ma' l-għanijiet mhux aktar tard minn 15 il-sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, sakemm ma' jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġislazzjoni Komunitarja taħt liema, l-oqsma protetti individwali jkunu twaqqfu."

22. L-Artikolu 4(4) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jippermetti li t-termini stabbiliti fl-Artikolu 4(1) jiġu estiżi sa 12-il sena.

*4. Id-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art*

23. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art[8] jispeċifika meta massa ta' ilma ta' taħt l-art tkun f'kundizzjoni tajba.

"Massa jew grupp ta' mases ta' l-ilma ta' taħt l-art għandu jkun ikkunsidrat li jkun fi stat kimiku tajjeb meta:

a) […]

b) il-valuri ta' l-istandards tal-kwalità ta' l-ilma ta' taħt l-art imniżżla fl-Anness I u l-valuri ta' limitu rilevanti stabbiliti skond l-Artikolu 3 u l-Anness II ma jinqabżux fi kwalunkwe punt ta' monitoraġġ f'dak il-massa, jew grupp ta' mases ta' l-ilma ta' taħt l-art; jew

ċ) […]"

24. Il-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art jistabbilixxi standard tal-kwalità ta' ilma ta' taħt l-art ta' 50 mg/l nitrati.

7 Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275) kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/101/UE tat-30 ta' Ottubru 2014 (ĠU 2014, L 311, p. 32).

8 Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġiż u d-deterjorament (ĠU 2006, L 372, p. 19) kif emendata bid-Direttiva 2014/80/UE tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2014 (ĠU 2014, L 182, p. 52).

## *C. Id-dritt Awstrijak*

25. L-użu ta' ilma ta' taħt l-art huwa rregolat mill-Artikolu 10(1) tal-Wasserrechtsgesetz (il-Liġi dwar id-drittijiet marbuta mal-ilma) b'tali mod li s-sid tal-art ma jeħtieġ ebda approvazzjoni mill-awtorità tad-drittijiet tal-ilma għall-użu tal-ilma ta' taħt l-art għall-bżonnijiet domestiċi u ekonomiċi, jekk dan jittella' biss minn stazzjonijiet tal-ippumpjar jew tal-ġbir bi bramel imħaddma bl-idejn jew jekk l-estrazzjoni tkun fi proporzjon xieraq mal-artijiet tas-sid.

## III. Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

26. Il-Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland, Robert Prandl u l-Gemeinde Zillingdorf (il-Komun ta' Zillingdorf, l-Awstrija) ressqu talba lill-Bundesministerium für Land und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft (il-Ministeru Federali għall-Agrikoltura u għall-Forestrija, għall-Ambjent u għall-Ġestjoni tal-Ilma, l-Awstrija) ta' dak iż-żmien sabiex jiġi emendat il-programm ta' azzjoni adottat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva dwar in-nitrati fil-forma ta' regolament nazzjonali sabiex ikun konformi mad-Direttiva dwar in-nitrati u sabiex tkun żgurata l-protezzjoni mogħtija minn din id-direttiva, b'mod partikolari għas-saħħa tal-bniedem, fl-użu ta' ilma ta' taħt l-art mill-mases ta' ilma ta' taħt l-art fejn jinsabu l-bjar tat-tliet partijiet.

27. Il-Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland hija r-raba' l-ikbar distributur tal-ilma fl-Awstrija. Hija tipprovdi servizzi korrispondenti ta' provvista tal-ilma, billi għandha iktar minn 45 distributur tal-ilma attivi, jiġifieri bjar u sorsi, u tipprovdi fuq medja annwali lil madwar 160 000 persuna. Il-Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland hija korp irregolat bid-dritt pubbliku, jiġifieri assoċjazzjoni ta' diversi komuni. Permezz ta' regolament nazzjonali, din l-assoċjazzjoni hija obbligata twettaq il-kompitu li tipprovdi l-ilma lill-pubbliku, inkluż il-ġbir tal-imposti fuq l-ilma f'żona speċifika. Is-sidien ta' artijiet b'bini fiż-żona tal-provvista tagħha huma bħala prinċipju obbligati jqabbdu l-bini tagħhom man-netwerk tal-provvista tal-ilma. Din l-assoċjazzjoni hija awtorizzata wkoll li, permezz tal-ħruġ ta' regolament, tiġbor imposti għall-provvista tal-ilma (tal-kwalità tal-ilma tax-xorb). Hija għandha tieħu miżuri sabiex tnaqqas il-konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art imtella' sabiex jintuża bħala ilma tax-xorb għal inqas minn 50 mg/l qabel jiġi ddistribwit lill-konsumaturi.

28. Robert Prandl, individwu f'Niederösterreich, bħalissa jkopri d-domanda tiegħu għal ilma mhux għax-xorb mill-bir tad-dar f'art li hija l-proprjetà tiegħu. Huwa ma jużax dan l-ilma għax-xorb minħabba l-konċentrazzjonijiet għoljin ta' nitrati. Għalhekk, huwa jirċievi l-ammont kollu tal-ilma tax-xorb minn distributur pubbliku tal-ilma.

29. Il-Komun ta' Zillingdorf jinsab f'Niederösterreich u jopera bir tal-ilma mhux għax-xorb għal skopijiet komunali. Il-bir kien oriġinarjament bir tal-ilma tax-xorb, li, madankollu, minħabba l-livell għoli ta' nitrati, ġie ddegradat bħala bir bl-ilma mhux għax-xorb.

30. Il-konċentrazzjoni ta' nitrati ta' 50 mg/l fl-ilma ta' taħt l-art fid-data tat-talba kienet inqabżet b'iktar minn 100 % u bħalissa dan huwa l-każ f'punti tal-kejl individwali tal-Wasserleitungsverband. Il-bir domestiku ta' Robert Prandl kellu konċentrazzjoni ta' nitrati ta' 59 mg/l fid-data tat-talba iżda, f'Diċembru 2017, din kienet taħt il-50 mg/l. Ma huwiex ikkontestat li l-konċentrazzjonijiet ivarjaw u għalhekk ma jistax jiġi preżunt li l-konċentrazzjoni ta' 50 mg/l ma hijiex ser tinqabeż b'mod permanenti. Fid-data tat-talba, il-bir tal-komun kellu livell ta' nitrati ta' 71 mg/l, li f'Diċembru 2017 baqa' għoli bħal qabel.

31. Bla dubju l-ebda ilma b'konċentrazzjoni ta' nitrati ta' iktar minn 50 mg/l ma jintuża direttament bħala ilma tax-xorb. Ma humiex magħrufa perikoli oħra immedjati għas-saħħa li jirriżultaw miż-żieda ta' konċentrazzjonijiet preżenti tan-nitrati tas-sorsi tal-ilma indikati.

32. Lanqas ma huwa kkontestat li l-miżuri sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva dwar in-nitrati kienu u qegħdin jiġu stabbiliti mill-programm ta' azzjoni skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva dwar in-nitrati. Huwa stabbilit ukoll li l-konċentrazzjonijiet ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art fiż-żoni ddelimitati mit-tliet rikorrenti kienu u għadhom kostantement għoljin matul ċertu perijodu ta' żmien.

33. F'Niederösterreich jeżisti l-obbligu li wieħed ikun konness man-netwerk pubbliku tal-provvista tal-ilma. Madankollu, l-użu ta' bir domestiku minn Robert Prandl ikun permess mingħajr awtorizzazzjoni taħt id-dritt nazzjonali b'ċerti restrizzjonijiet legali. Il-provvista tal-ilma ta' Robert Prandl u tal-Komun ta' Zillingdorf ma saritx mill-Wasserleitungsverband, iżda minn distributuri pubbliċi tal-ilma oħra. Ma hemm l-ebda riskju immedjat għas-saħħa minħabba konċentrazzjonijiet ogħla ta' nitrati.

34. It-talba tat-tliet rikorrenti ġiet miċħuda permezz tad-deċiżjoni li issa ġiet ikkontestata quddiem il-Verwaltungsgericht Wien (il-Qorti Amministrattiva ta' Vjenna, l-Awstrija) fuq bażi li t-talba kienet inammissibbli minħabba nuqqas ta' drittijiet pubbliċi suġġettivi jew nuqqas ta' inċidenza diretta. F'dan il-kuntest, il-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin:

"L-Artikolu 288 TFUE moqri flimkien mal-Artikolu 5(4) jew mad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 5(5) u tal-punt 2 tal-Anness I tad-[Direttiva dwar in-nitrati] għandu jiġi interpratat fis-sens li:

a) distributur pubbliku tal-ilma, li jipprovdi servizzi marbuta mal-użu tal-ilma u li, filwaqt li jagħmel dan, qabel jikkunsinna l-ilma għax-xorb lil konsumaturi (suġġett għal obbligu ta' konnessjoni), jittratta dan l-ilma, li huwa jiġbor minn bjar li huma għad-dispożizzjoni tiegħu għall-finijiet ta' ġbir ta' ilma u li għandhom livelli ta' konċentrazzjoni ta' nitrati għolja, sabiex jikseb livelli ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma ta' inqas minn 50 mg/l qabel il-kunsinna lill-konsumaturi, u li huwa marbut li jiddistribwixxi l-ilma f'żona territorjali ddeterminata, huwa direttament ikkonċernat, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (f'dan il-każ minn traspożizzjoni possibbilment insuffiċjenti tad-[Direttiva dwar in-nitrati]), sa fejn huwa għandu, minħabba pjanijiet ta' azzjoni allegatament insuffiċjenti (peress li l-valur ta' 50 mg/l ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma huwa eċċedut fit-territorju ta' dan id-distributur tal-ilma), jadotta miżuri ta' trattament tal-ilma, u għalhekk għandu drittijiet suġġettivi fl-ambitu tad-Direttiva dwar in-nitrati li jippermettulu

   a.1) li jimmodifika programm ta' azzjoni nazzjonali diġà adottat għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati (konformement mal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva dwar in-nitrati) b'tali mod li miżuri iktar stretti jiġu adottati, bil-għan li jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati, u, konkretament, jintlaħaq valur ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma sotterran ta' 50 mg/l bħala massimu f'kull punt ta' ġbir?

   a.2) li jieħu miżuri supplimentari jew azzjonijiet imsaħħa (fis-sens tal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva dwar in-nitrati) bil-għan li jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati, u, konkretament, jintlaħaq valur ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma sotterran ta' 50 mg/l bħala massimu f'kull punt ta' ġbir?

b) konsumatur li huwa legalment awtorizzat juża l-ilma minn bir domestiku tiegħu fl-ambitu tal-konsum minnu stess, u li, minħabba valuri għolja ta' konċentrazzjoni ta' nitrati, ma jużax dan l-ilma (fil-mument tat-talba li fuqha hija bbażata l-proċedura fil-kawża prinċipali huwa ma setax jagħmel użu minnu u matul din il-proċedura għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huwa ċertament jista' jagħmel użu minnu, iżda huwa inkontestabbli li huwa mistenni li l-konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma terġa' tiżdied u teċċedi l-50 mg/l), iżda jikseb l-ilma minn distributur pubbliku, huwa direttament ikkonċernat, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (f'dan il-każ minn traspożizzjoni

insuffiċjenti tad-[Direttiva dwar in-nitrati]), sa fejn, minħabba pjanijiet ta' azzjoni allegatament insuffiċjenti, u l-valur tal-konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma jeċċedi l-50 mg/l fl-ilma tal-punt ta' ġbir tiegħu (bir domestiku), huwa ma jistax jagħmel użu mid-dritt mogħti lilu mil-liġi, b'mod limitat, li juża l-ilma sotterran tal-proprjetà tiegħu, u għalhekk għandu drittijiet suġġettivi fl-ambitu tad-Direttiva dwar in-nitrati li jippermettulu

b.1) li jimmodifika programm ta' azzjoni nazzjonali diġà adottat għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati (konformement mal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva dwar in-nitrati) b'tali mod li miżuri iktar stretti jiġu adottati, bil-għan li jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati, u, konkretament, jintlaħaq valur ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma sotterran ta' 50 mg/l bħala massimu f'kull punt ta' ġbir?

b.2) li jieħu miżuri supplimentari jew azzjonijiet imsaħħa (fis-sens tal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva dwar in-nitrati) bil-għan li jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati, u, konkretament, jintlaħaq valur ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma sotterran ta' 50 mg/l bħala massimu f'kull punt ta' ġbir?

c) komun, [li,] bħala entità pubblika, minħabba valuri ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma li jeċċedu l-50 mg/l, juża jew jippermetti l-użu ta' bir komunali li huwa jisfrutta għal finijiet ta' provvista ta' ilma tax-xorb biss bħala sors ta' ilma mhux għax-xorb – mingħajr ma dan jaffettwa l-provvista ta' ilma għax-xorb – huwa direttament ikkonċernat, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (f'dan il-każ minn traspożizzjoni possibbilment insuffiċjenti tad-[Direttiva dwar in-nitrati], minħabba pjanijiet ta' azzjoni insuffiċjenti f'dan ir-rigward), sa fejn, billi l-valur ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma jeċċedi l-50 mg/l fis-sors fejn dan huwa miġbur, użu bħala ilma tax-xorb ma huwiex possibbli, u għalhekk għandu drittijiet suġġettivi fl-ambitu tad-Direttiva Nitrati li jippermettulu

c.1) li jimmodifika programm ta' azzjoni nazzjonali diġà adottat għall-finijiet tat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati (konformement mal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva dwar in-nitrati) b'tali mod li miżuri iktar stretti jiġu adottati, bil-għan li jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati, u, konkretament, jintlaħaq valur ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma sotterran ta' 50 mg/l bħala massimu f'kull punt ta' ġbir?

c.2) li jieħu miżuri supplimentari jew azzjonijiet imsaħħa (fis-sens tal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva dwar in-nitrati) bil-għan li jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati, u, konkretament, jintlaħaq valur ta' konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma sotterran ta' 50 mg/l bħala massimu f'kull punt ta' ġbir?

Filwaqt li jitqies li f'kull wieħed minn dawn it-tliet każijiet, il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi hija żgurata, fil-każijiet b) u c), permezz tal-ġbir tal-ilma mingħand distributuri kummerċjali (b'obbligu jew dritt ta' konnessjoni) jew, fil-każ a), permezz ta' miżuri ta' trattament xierqa."

35. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland, minn Robert Prandl u mill-Komun ta' Zillingdorf flimkien bħala rikorrenti fil-kawża prinċipali, kif ukoll mir-Repubblika tal-Awstrija, mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u mill-Kummissjoni Ewropea. Dawn, flimkien mar-Repubblika tal-Polonja, ħadu sehem ukoll fis-seduta li nżammet fis-6 ta' Frar 2019.

## IV. Analiżi legali

36. It-talba għal deċiżjoni preliminari tfittex li tiċċara jekk it-tliet rikorrenti fil-kawża prinċipali, impriża pubblika li tipprovdi l-ilma tax-xorb, komun li jopera bir, u individwu li huwa sid ta' bir, jistgħux jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jieħdu azzjonijiet abbażi tad-Direttiva dwar in-nitrati li jmorru lil hinn mill-programm ta' azzjoni nazzjonali eżistenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati sabiex tinkiseb konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art ta' inqas minn 50 mg/l.

37. Għal dan il-għan ser niddiskuti, fl-ewwel lok, sa fejn ir-rikorrenti jistgħu jinvokaw, bħala prinċipju, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar in-nitrati u mbagħad ser neżamina, fit-tieni lok, il-kundizzjonijiet li taħthom tista' ssir talba għal miżuri iktar estensivi sabiex jiġi żgurat tnaqqis korrispondenti fil-konċentrazzjoni tan-nitrati.

### *A. Fuq l-invokazzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati*

38. Fir-rigward tad-dritt tat-tliet rikorrenti fil-kawża prinċipali li jinvokaw id-Direttiva dwar in-nitrati, l-Awstrija u l-Pajjiżi l-Baxxi jargumentaw li l-livell tan-nitrati fil-bjar ma joħloq l-ebda riskju konkret għas-saħħa, peress li l-provvista pubblika tal-ilma tipprovdi biżżejjed ilma tax-xorb, li ma fihx livelli ta' nitrati eċċessivi. Bħall-Polonja, huma jwissu kontra li tiġi permessa *actio popularis*.

39. Dan l-argument ma huwiex wieħed konvinċenti.

40. Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mal-modalitajiet għal stħarriġ ġudizzjarju, l-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull Stat Membru huwa meħtieġ jirregola dawn il-modalitajiet skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali bil-kundizzjoni iżda li dawn ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk il-modalitajiet applikabbli għal sitwazzjonijiet interni simili (prinċipju ta' ekwivalenza) u li l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma għandux isir prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività) [9].

41. F'dan il-każ, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' effettività huwa deċiżiv. Dan peress li ma jkunx kompatibbli mal-effett vinkolanti li l-Artikolu 288 TFUE jattribwixxi lid-direttivi jekk jiġi eskluż, bħala prinċipju, li l-persuni kkonċernati jistgħu jinvokaw obbligu impost minn direttiva [10]. Mill-inqas, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li huma direttament ikkonċernati minn ksur tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva għandhom, għaldaqstant, ikunu jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti josservaw l-obbligi rilevanti – possibbilment billi jressqu kawża quddiem il-qrati kompetenti [11].

42. Ir-rekwiżit li wieħed ikun ikkonċernat jiżgura li l-possibbiltà tal-invokazzjoni ta' dispożizzjonijiet direttament applikabbli ta' direttiva ma tispiċċax f'*actio popularis*.

43. Fil-kawża prinċipali, l-inċidenza diretta tar-rikorrenti diġà tirriżulta mill-fatt li l-livell tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art jaffettwa ħażin l-użu leġittimu tal-bjar tagħhom. Barra minn hekk, ir-riskju għas-saħħa kkawżat mil-livell tan-nitrati, għall-inqas fil-konfront ta' Robert Prandl, jagħti lok għal inċidenza diretta.

9 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral (33/76, EU:C:1976:188, punt 5); tas-27 ta' Ġunju 2013, Agrokonsulting (C-93/12, EU:C:2013:432, punti 35 u 36); u tat-22 ta' Frar 2018, INEOS Köln (C-572/16, EU:C:2018:100, punt 42).

10 Ara s-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 66); tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 37); tat-8 ta' Novembru 2016, Lesoochranárske zoskupenie VLK (C-243/15, EU:C:2016:838, punt 44); u tal-20 ta' Diċembru 2017, Protect Natur-, Arten- Landschaftsschutz Umweltorganisation (C-664/15, EU:C:2017:987, punt 34).

11 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 39), u tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 100).

*a) Fuq l-ostakolu għall-użu tal-bjar*

44. Sa issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward ta' persuni fiżiċi, li l-kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw l-inċidenza diretta huma partikolarment rilevanti għal direttiva intiża għall-protezzjoni tas-saħħa tal-popolazzjoni jew tas-saħħa pubblika [12]. Id-Direttiva dwar in-nitrati taqsam dan l-għan skont is-sitt premessa tagħha u l-Artikolu 2(j) tagħha [13]. Madankollu, l-inċidenza primarja tar-rikorrenti f'dan il-każ hija bbażata biss indirettament fuq il-protezzjoni tas-saħħa pubblika.

45. Dan huwa possibbli minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat biss li l-kunsiderazzjonijiet għall-invokazzjoni tad-dispożizzjonijiet ambjentali tad-dritt tal-Unjoni japplikaw *b'mod partikolari* għal dispożizzjonijiet imfassla sabiex jipproteġu s-saħħa. Is-sentenza Folk, fejn ksur tad-drittijiet tas-sajd kien biżżejjed sabiex jiġġustifika l-invokazzjoni tad-Direttiva dwar ir-responsabbiltà ambjentali [14] moqrija flimkien mad-Direttiva Qafas dwar l-ilma [15], turi li, minbarra din l-inċidenza, hemm il-possibbiltà ta' forom oħra.

46. Fil-kawża prinċipali, it-tliet rikorrenti huma direttament ikkonċernati minħabba li, skont ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, huma intitolati li jużaw il-bjar tagħhom għall-ilma tax-xorb, iżda ma jistgħux jeżerċitaw dan id-dritt mingħajr trattament ulterjuri tal-ilma. Fil-fatt, l-ilma li fih iktar minn 50 mg/l nitrati ma jistax jintuża bħala ilma tax-xorb skont il-valur ta' limitu stabbilit, għal raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa, mill-Artikolu 5 u mill-parti B tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb.

47. Il-fatt li din l-inċidenza hija koperta mill-għan protettiv tad-Direttiva dwar in-nitrati u għalhekk għandha tkun legalment rilevanti, jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 2(j). Skont din id-dispożizzjoni, id-Direttiva hija mfassla sabiex tevita ostakoli għall-użu leġittimu tal-ilma.

48. Skont ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, l-użu ta' bjar għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb huwa leġittimu. Kuntrarjament għall-opinjoni tal-Awstrija, f'dan ir-rigward wieħed ma għandu bżonn l-ebda dritt sabiex ikun jista' jtella' ilma ta' taħt l-art ta' kwalità tal-ilma tax-xorb minn kullimkien. Anki t-terminu "rechtmäßig" kif użat fil-verżjoni Ġermaniża u Olandiża tad-Direttiva juri saħansitra li l-ostakolu għall-użu awtorizzat tal-ilma għandu jiġi evitat, jiġifieri li l-ebda dritt infurzabbli b'mod obbligatorju ma huwa meħtieġ. Il-verżjoni Franċiża u Ingliża huma saħansitra iktar ċari għax jużaw it-termini "légitime" u "legitimate". Dawn il-verżjonijiet lingwistiċi jinftiehmu bħala li jirreferu għal użu ġġustifikat tal-ilma.

49. Barra minn hekk, il-punt A(1) tal-Anness I għad-Direttiva dwar in-nitrati, fejn il-valur ta' limitu tan-nitrati għad-determinazzjoni ta' għadajjar naturali tal-ilma ħelu vulnerabbli huwa ddeterminat b'riferiment għad-Direttiva dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilma tal-wiċċ li huwa maħsub għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb fl-Istati Membri [16], li issa tħassret, juri li l-użu tal-ilma bħala ilma tax-xorb huwa kopert mill-għan protettiv tad-Direttiva dwar in-nitrati [17].

50. Għaldaqstant, huwa biżżejjed li l-użu bħala ilma tax-xorb ikun permess sabiex ikun ikkonċernat minn ksur possibbli tad-Direttiva dwar in-nitrati, li jaffettwa l-użu tal-ilma ta' taħt l-art bħala ilma tax-xorb. Fil-każ ta' tali inċidenza, il-persuna kkonċernata għandha bħala prinċipju tkun intitolata li titlob li jkun hemm konformità mad-Direttiva dwar in-nitrati.

12 Sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 37); tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 94); u tad-19 ta' Novembru 2014, ClientEarth (C-404/13, EU:C:2014:2382, punt 55).

13 Ara wkoll is-sentenza tad-29 ta' April 1999, Standley *et* (C-293/97, EU:C:1999:215, punt 34).

14 Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 8, p. 357) fil-verżjoni emendata bid-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 (ĠU 2009, L 140, p. 114).

15 Sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017 (C-529/15, EU:C:2017:419, punti 47 sa 49).

16 Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 17).

17 Sentenza tad-29 ta' April 1999, Standley *et* (C-293/97, EU:C:1999:215, punt 34).

51. Ma huwiex rilevanti jekk wieħed, bħall-Wasserleitungsverband, jistax jgħaddi kwalunkwe spejjeż addizzjonali lil terzi. Dan peress li anki din in-neċessità hija ostakolu għall-użu permessibbli tal-ilma ta' taħt l-art.

52. Barra minn hekk, konsegwenza tal-ħtieġa li tiġi pprovata l-inċidenza hija li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jistgħux jitolbu b'mod ġenerali konformità mad-Direttiva dwar in-nitrati fl-Awstrija, iżda biss sa fejn l-ilma ta' taħt l-art użat minnhom huwa kkonċernat. Għalhekk jidher dubjuż jekk Robert Prandl jew il-Komun ta' Zillingdorf humiex ikkonċernati mill-kwalità tal-massa ta' ilma ta' taħt l-art ta' Parndorfer Platte, li fl-osservazzjonijiet tagħhom ippreżentati b'mod konġunt mal-Wasserleistungsverband hija deskritta bħala li għandha livell partikolarment għoli ta' tniġġis.

*b) Fuq il-protezzjoni tas-saħħa*

53. Ir-riskju għas-saħħa kkawżat mil-livell tan-nitrati, għall-inqas fil-konfront ta' Robert Prandl, jiġġustifika wkoll inċidenza diretta.

54. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma qisitx li riskju inkonfutabbli konkret għas-saħħa huwa kundizzjoni preliminari f'dan ir-rigward. Dan huwa partikolarment evidenti fis-sentenza Stichting Natuur en Milieu *et*, li kienet tikkonċerna l-limiti massimi nazzjonali ta' emissjonijiet għal ċerti inkwinanti. Il-kwistjoni ta' jekk ksur ta' dawn il-limiti massimi huwiex assoċjat ma' riskju għas-saħħa tiddependi mid-distribuzzjoni ta' inkwinanti [18]. Madankollu, indipendentement minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li hemm individwi kkonċernati direttament li jistgħu jinforzaw il-konformità ma' dawn il-limiti massimi [19].

55. Ma nara l-ebda raġuni għaliex għandi nkun iktar restrittiva minn din il-ġurisprudenza fir-rigward tal-preżunzjoni ta' inċidenza diretta. Skont l-Artikolu 3(3) TUE, l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 191(2) TFUE, il-politika ambjentali tal-Unjoni għandha l-għan li tikseb livell għoli ta' protezzjoni. B'mod konformi ma' din l-aħħar dispożizzjoni, din il-politika hija bbażata fuq il-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' prevenzjoni. Għaldaqstant, ikun inkompatibbli li l-eżekuzzjoni ġudizzjarja tad-dritt ambjentali tal-Unjoni tkun tiddependi minn riskju konkret u inkonfutabbli. Dan għaliex f'tali każ ikun hemm lok ta' tħassib li l-ħsara għas-saħħa tkun diġà seħħet qabel ikun hemm eżekuzzjoni effettiva.

56. Konsegwentement, għall-inqas persuni fiżiċi, bħalma huwa Robert Prandl fil-kawża prinċipali, huma intitolati li jinvokaw id-Direttiva dwar in-nitrati fir-rigward tat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art li jikkonċernahom.

57. Il-Wasserleitungsverband u l-komun, min-naħa l-oħra, huma persuni ġuridiċi, u b'hekk ma humiex ikkonċernati direttament minn riskji possibbli għas-saħħa. Huwa minnu li, b'mod partikolari fir-rigward tal-komun, għandu jiġi preżunt li skont id-dritt nazzjonali dan għandu l-kompitu li jipproteġi s-saħħa tar-residenti tiegħu. Il-Wasserleitungsverband jista' jkollha kompiti simili fir-rigward tal-konsumaturi tagħha. Madankollu, ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jinkludi l-ebda informazzjoni, u għalhekk ma jagħmilx sens li din l-idea tiġi eżaminata b'mod iktar approfondit.

18 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Craeynest (C-723/17, EU:C:2019:168, punti 68 *et seq.*, partikolarment punt 85).

19 Sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punti 94 u 99 sa 103).

*c) Fuq il-Konvenzjoni ta' Aarhus*

58. Din l-interpretazzjoni tal-kunċett tal-inċidenza diġà tirriżulta direttament mill-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, tali interpretazzjoni tikkostitwixxi wkoll traspożizzjoni korretta tal-obbligi li joħorġu mill-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, flimkien mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Skont l-Artikolu 9(3), kull parti għandha tiżgura li, meta jissodisfaw il-kriterji, jekk ikun hemm, stabbiliti fid-dritt nazzjonali tagħha, membri tal-pubbliku għandu jkollhom aċċess għal proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji sabiex jikkontestaw atti u ommissjonijiet minn awtoritajiet pubbliċi li jiksru dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha relatati mal-ambjent. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 jipprovdi li kull persuna li d-drittijiet jew il-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni jiġu miksura għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti.

59. Dan id-dritt jiġi mċaħħad minn kwalunkwe effett utli, anki saħansitra mis-sustanza tiegħu stess, jekk kellu jiġi aċċettat li, permezz tal-impożizzjoni ta' tali kriterji stabbiliti fid-dritt nazzjonali, ċerti kategoriji ta' "membri tal-pubbliku", *a fortiori* "membri tal-pubbliku kkonċernat" li jissodisfaw ir-rekwiżiti imposti fl-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, jiġu mċaħħda minn kull dritt għal azzjoni legali [20].

60. Skont l-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus, il-pubbliku kkonċernat huwa l-pubbliku affettwat jew li jista' jiġi affettwat mid-deċiżjonijiet meħuda fil-qasam ambjentali jew li għandu interess li jrid jinvoka fir-rigward tal-proċess deċiżjonali. F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 2(4), il-pubbliku jikkonsisti f'persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi.

61. Għar-raġunijiet diġà esposti, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma kollha kkonċernati mit-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art minħabba l-bjar tagħhom u għalhekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

62. Għall-finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi nnotat li l-eżistenza tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus bl-ebda mod ma tista' tinftiehem bħala restrizzjoni fuq il-possibbiltà li jiġi invokat id-dritt ambjentali tal-Unjoni. Dan għaliex skont l-Artikolu 3(6), il-Konvenzjoni ma teżiġi ebda deroga mid-drittijiet eżistenti ta' aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali. Għalhekk, ir-riferiment magħmul fl-Artikolu 9(3) għall-kriterji stabbiliti mid-dritt nazzjonali ma jiġġustifikax ir-restrizzjoni tal-invokazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

*d) Konklużjoni intermedja*

63. Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li distributur pubbliku tal-ilma, individwu u komun bħala korp pubbliku jistgħu, bħala prinċipju, jinvokaw id-Direttiva dwar in-nitrati sa fejn huma kkonċernati mit-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bin-nitrati, pereżempju, peress li huma mxekkla milli jużaw il-bjar tagħhom stess għall-estrazzjoni leġittima tal-ilma tax-xorb.

### *B. Fuq id-dritt għal miżuri sabiex tinżamm il-konformità mal-valur ta' 50 mg/l nitrati fl-ilma ta' taħt l-art*

64. Madankollu, ma huwiex iddeterminat jekk ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jistgħux jinvokaw dritt għal miżuri sabiex tinżamm il-konformità mal-valur ta' 50 mg/l nitrati fl-ilma ta' taħt l-art.

20 Sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Protect Natur-, Arten- und Landschaftsschutz Umweltorganisation (C-664/15, EU:C:2017:987, punt 46).

65. Fil-każijiet kollha fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi, l-individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-Istat Membru, meta dan ikun naqas milli jittrasponi d-direttiva fid-dritt nazzjonali fit-termini previsti jew meta jkun ittrasponieha b'mod inkorrett[21]. B'mod partikolari, preċiżjoni suffiċjenti tista' tkun nieqsa jekk id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jagħtu lok għal marġni ta' diskrezzjoni. F'tali każijiet, madankollu, jeżisti mill-inqas dritt li jsir stħarriġ ġudizzjarju dwar jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-applikazzjoni tagħha humiex fil-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni ddefiniti mid-direttiva[22].

66. Kif tenfasizza l-Awstrija, jekk id-direttiva ġietx implimentata korrettement jew le ma jagħmilx differenza. F'każ ta' implimentazzjoni korretta, il-persuni kkonċernati għandhom ikunu jistgħu jinvokaw il-liġi tat-traspożizzjoni, jew, fil-każ ta' implimentazzjoni ħażina, dawn għandhom ikunu jistgħu jinvokaw għall-inqas id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-direttiva. Barra minn hekk, ir-rikorrenti huma, għall-inqas, tal-opinjoni li d-Direttiva dwar in-nitrati ma ġietx applikata b'mod korrett.

67. L-Artikolu 5(4) kif ukoll l-Artikolu 4 u l-Annessi II u III tad-Direttiva dwar in-nitrati jinkludu rekwiżiti mandatorji li, għall-inqas parzjalment, ma joħolqux marġni ta' diskrezzjoni. Bħala eżempju għandha tissemma l-limitazzjoni fuq il-kwantità massima ta' fertilizzant li jista' jiġi applikat għal kull ettaru prevista fil-punt 1(2) tal-Anness III[23]. Billi, bħala prinċipju, il-persuni kkonċernati mit-tniġġis tan-nitrati jistgħu jinvokaw id-Direttiva, huma għandhom ikunu jistgħu jitolbu l-eżekuzzjoni ta' dawn il-limiti u rekwiżiti simili.

68. Madankollu, it-talba għal deċiżjoni preliminari tfittex li tistabbilixxi jekk jeżistix id-dritt li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali jitolbu miżuri li jiżguraw konċentrazzjoni ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art taħt il-50 mg/l.

69. Dritt bħal dan jista' jirriżulta mill-Artikolu 5(4) u (5) tad-Direttiva dwar in-nitrati. L-Artikolu 5(4) jipprovdi li l-programmi ta' azzjoni, li l-kontenut tagħhom huwa stabbilit fl-Anness III kif ukoll fl-Artikolu 4 u fl-Anness II, għandhom jiġu implimentati fiż-żoni vulnerabbli u fit-territorju Awstrijak kollu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(5) l-Istati Membri għandhom jieħdu, fil-qafas tal-programmi ta' azzjoni, dawk il-miżuri addizzjonali jew azzjonijiet imsaħħa li jqisu li huma meħtieġa jekk, fil-bidu jew fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' azzjoni, ikun jidher biċ-ċar li l-miżuri msemmija fl-Artikolu 5(4) ma humiex ser ikunu biżżejjed sabiex jintlaħqu l-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 1.

70. B'mod partikolari, il-partijiet ikkonċernati ma jaqblux dwar jekk il-valur għandux ikun inqas minn 50 mg/l nitrati, iżda wkoll dwar il-qafas ta' żmien u d-diskrezzjoni li jgawdu minnha l-Istati Membri.

### *1. Il-valur ta' 50 mg/l nitrati*

71. L-Awstrija u l-Pajjiżi l-Baxxi jikkontestaw li d-Direttiva dwar in-nitrati tistabbilixxi obbligu sabiex jiġi pprevenut tniġġis ta' ilma ta' taħt l-art li jaqbeż il-50 mg/l jew li tniġġis ogħla eżistenti jitnaqqas b'tali mod li dan il-valur ma jinqabiżx.

21 Sentenzi tad-19 ta' Jannar 1982, Becker (8/81, EU:C:1982:7, punt 25); tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez (C-282/10, EU:C:2012:33, punt 33), u tas-6 ta' Novembru 2018, Bauer u Willmeroth (C-569/16 u C-570/16, EU:C:2018:871, punt 70).

22 Sentenzi tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, EU:C:1996:404, punt 56); tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelsbeschermingvereniging (C-127/02, EU:C:2004:482, punt 66); tal-25 ta' Lulju 2008, Janecek (C-237/07, EU:C:2008:447, punt 46); tas-26 ta' Mejju 2011 Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punti 100 sa 103); tal-5 ta' Settembru 2012, Rahman *et* (C-83/11, EU:C:2012:519, punt 25); kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2016, Lesoochranárske zoskupenie VLK (C-243/15, EU:C:2016:838, punt 44).

23 Sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-322/00, EU:C:2003:532, punt 113), u tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Franza (C-237/12, EU:C:2014:2152, punt 129).

*a) Ir-responsabbiltà tal-agrikoltura*

72. Huwa minnu li l-miżuri skont id-Direttiva dwar in-nitrati ma jindirizzawx il-livell tan-nitrati fl-ilma b'mod ġenerali. Dan peress li, skont l-Artikolu 1, it-tniġġis tal-ilma kkawżat jew ikkaġunat min-nitrati minn *sorsi agrikoli* għandu jitnaqqas u tniġġis tal-ilma ta' dan it-tip għandu jiġi evitat.

73. Konsegwentement, jekk il-livell tan-nitrati ma jkunx attribwibbli għall-agrikoltura, l-ebda miżura ma tista' tittieħed skont id-Direttiva dwar in-nitrati. Madankollu, it-tniġġis ma għandux għalfejn ikun ikkawżat esklużivament mill-agrikoltura[24]. Pjuttost, ikunu diġà meħtieġa li jittieħdu miżuri jekk l-iskariku ta' komponenti tan-nitroġenu ta' oriġini agrikola jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għat-tniġġis[25]. Fil-passat, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat bħala sinjifikattiv li l-agrikoltura ta' Wallonien kienet tammonta għal 19 % tan-nitroġenu totali fil-baċir tal-Meuse u għal 17 % ta' dak fl-Escaut, żewġt ixmajjar li jinfdu fil-Baħar tat-Tramuntana ewtrofikat[26]. Dan juri li anki l-kontribuzzjonijiet relattivament limitati mill-agrikoltura għal tniġġis tan-nitroġenu huma biżżejjed sabiex iwasslu għal obbligi taħt id-Direttiva dwar in-nitrati.

74. Bl-applikazzjoni ta' programmi ta' azzjoni mill-Awstrija skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva dwar in-nitrati diġà jirriżulta li l-iskariku tan-nitroġenu mill-agrikoltura Awstrijaka jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għal-livell tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art fiż-żona li fiha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali joperaw il-bjar tagħhom. Dan għaliex mingħajr kontribuzzjonijiet sinjifikattivi mill-agrikoltura, tali applikazzjoni ma kinitx tkun meħtieġa.

*b) Il-livell tan-nitrati permissibbli fl-ilma ta' taħt l-art*

75. Jekk l-agrikoltura tikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għal-livell tan-nitrati, kemm l-Artikolu 3(1) u l-punt A(2) tal-Anness I tad-Direttiva dwar in-nitrati, kif ukoll id-definizzjoni ta' tniġġis skont l-Artikolu 2(j) moqri flimkien mad-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb iwasslu għall-konklużjoni li livell ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art ta' iktar minn 50 mg/l huwa meqjus bħala tniġġis. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar in-nitrati.

76. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar in-nitrati, ilmijiet affettwati mit-tniġġis jew li x'aktarx jiġu affettwati jekk ma jittieħdu l-ebda miżuri skont l-Artikolu 5 għandhom jiġu identifikati mill-Istati Membri skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness I. Dan japplika, skont il-punt A(2) tal-Anness I tad-Direttiva dwar in-nitrati, jekk l-ilma ta' taħt l-art fih jew jista' jkun fih iktar minn 50 mg/l nitrati u[27] l-ebda miżura ma tittieħed skont l-Artikolu 5.

77. Madankollu, jekk żona li fiha iktar minn 50 mg/l nitrati fl-ilma ta' taħt l-art titqies bħala kkontaminata, allura dan it-tniġġis għandu jiġi evitat jew eliminat skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati.

78. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(j) tad-Direttiva dwar in-nitrati jiddefinixxi t-tniġġis bħala skariku, b'mod dirett jew indirett, tal-komponenti tan-nitroġenu minn sorsi agrikoli fl-ambjent akwatiku, li r-riżultati tiegħu huma tali li jikkaġunaw perikoli għall-ħajja tal-bniedem, ħsara għar-riżorsi ħajjin u għall-ekosistemi tal-ilma, ħsara għall-amenitajiet jew interferenza fuq l-użi l-oħra leġittimi tal-ilma.

24 Sentenzi tad-29 ta' April 1999, Standley *et* (C-293/97, EU:C:1999:215, punt 30); tat-8 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-416/02, EU:C:2005:511, punt 69); u tat-22 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-221/03, EU:C:2005:573, punt 84).

25 Sentenzi tad-29 ta' April 1999, Standley *et* (C-293/97, EU:C:1999:215, punt 35), u tat-22 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-221/03, EU:C:2005:573, punt 87).

26 Sentenza tat-22 ta' Settembru 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-221/03, EU:C:2005:573, punt 86).

27 Kif juri l-kuntest tal-Artikolu 3(1) u kif huwa kkonfermat b'mod partikolari mill-verżjonijiet bl-Ingliż u bil-Franċiż tal-punt A(2) tal-Anness I, l-"und" fil-verżjoni Ġermaniża għandha tinftiehem li tfisser "falls" ("jekk").

79. Livell ta' nitrati ta' iktar minn 50 mg/l fl-ilma ta' taħt l-art għandu għalhekk jitqies bħala tniġġis, sempliċement minħabba li jxekkel l-użu leġittimu ta' bjar għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb. Dan peress li skont l-Artikolu 5 u l-parti B tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb japplika limitu ta' 50 mg/l nitrati għall-ilma tax-xorb.

80. Id-distinzjoni ppreżentata mill-Awstrija bejn l-ilma naturali u l-ilma tax-xorb ma tqajjimx dubju dwar din il-konklużjoni.

81. Huwa minnu li d-Direttiva dwar in-nitrati ma tistabbilixxix id-dritt għall-użu tal-ilma ta' taħt l-art bħala ilma tax-xorb mingħajr restrizzjoni. Fil-fatt, id-Direttiva dwar in-nitrati ma fiha l-ebda rekwiżit dwar inkwinanti oħra jew dwar il-livelli ta' nitrati li ma humiex attribwibbli għall-agrikoltura.

82. Madankollu, kif diġà ġie osservat, id-Direttiva dwar in-nitrati għandha l-għan li tiżgura li l-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb ma tkunx imwaqqfa minħabba l-livell tan-nitrati fl-ilmijiet rispettivi [28], għall-inqas sa fejn dan ikun attribwibbli l-iktar għall-agrikoltura.

83. Din l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati hija msaħħa mill-fatt li l-Artikolu 4(2) u l-punt 1 tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art jistabbilixxu wkoll valur massimu ta' 50 mg/l nitrati sabiex l-ilma ta' taħt l-art ikun fi stat tajjeb. Huwa minnu li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art isemmi wkoll standards alternattivi sabiex l-ilma ta' taħt l-art ikun fi stat tajjeb. Barra minn hekk, it-termini estiżi sabiex jinkiseb dan l-istatus b'mod konformi mal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma għadhom ma skadewx. Madankollu, il-kriterju tad-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art juri wkoll li l-valur li hemm fid-Direttiva dwar in-nitrati sabiex jiġi stabbilit it-tniġġis għandu jkun wieħed sinjifikattiv.

84. Konsegwentement, il-miżuri sabiex tiġi implimentata d-Direttiva dwar in-nitrati għandhom jimmiraw li jipprevjenu jew jeliminaw livell ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art ta' iktar minn 50 mg/l, jekk l-iskariku ta' komponenti tan-nitroġenu minn sorsi agrikoli jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għal dan it-tniġġis.

*2. Il-qafas ta' żmien*

85. L-Awstrija, madankollu, targumenta wkoll li ma huwiex ċar sa meta għandhom jintlaħqu l-għanijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati.

86. Huwa minnu li d-Direttiva dwar in-nitrati ma tistipula ebda terminu sa meta t-tniġġis eżistenti għandu jitnaqqas b'tali mod li jiġi inqas mil-livell tal-valur imsemmi u li, barra minn hekk, ma jkunx hemm ir-riskju li jinqabeż mill-ġdid. Termini bħal dawn jirriżultaw pjuttost mill-Artikolu 4(1) u (4) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma moqrija flimkien mad-Direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art, termini dawn li, minħabba l-prorogi permessibbli, għadhom ma skadewx.

87. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li rekwiżiti temporali vinkolanti fir-rigward tal-istat tal-ilma ta' taħt l-art jistgħu wkoll ikunu assoċjati ma' diffikultajiet li fil-prattika ma jkunux jistgħu jingħelbu. Dan minħabba li t-tlettax-il premessa tad-Direttiva dwar in-nitrati diġà tistipula li minħabba l-kundizzjonijiet ġeoloġiċi lokali, jistgħu jgħaddu s-snin sabiex il-kwalità tal-ilma titjieb permezz tal-miżuri protettivi. Fatturi oħra bħall-ammont rispettiv ta' preċipitazzjoni jew ta' evaporazzjoni huma wkoll importanti [29].

28 Ara l-punti 46 sa 50 iktar 'il fuq.

29 Skont rapport tal-Ministeru Federali għall-Agrikoltura u għall-Forestrija, għall-Ambjent u għall-Ġestjoni tal-Ilma tar-Repubblika tal-Awstrija, *Grundwasseralter in Österreich - mittlere Verweilzeiten in ausgewählten Grundwasserkörpern* (verżjoni ta' Diċembru 2015, https://www.bmnt.gv.at/wasser/wasserqualitaet/grundwasseralter.html), iż-żmien medju ta' residenza tal-ilma ta' taħt l-art fiż-żoni affettwati msemmija fil-kawża prinċipali huwa xi kultant bejn 11 u 25 sena, xi kultant anki 25 sa 50 sena.

88. Madankollu, għalkemm id-Direttiva dwar in-nitrati ma tispeċifikax sa meta għandhom jintlaħqu l-għanijiet tal-Artikolu 1, hija madankollu tinkludi regoli obbligatorji dwar meta għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet. Dan l-obbligu jiskatta mal-ewwel programm ta' azzjoni jew abbażi tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' azzjoni, jiġifieri ladarba jkun iddeterminat li l-azzjoni hija meħtieġa [30]. Ma hemm l-ebda diskrezzjoni fir-rigward ta' dan il-mument.

89. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(7) tad-Direttiva dwar in-nitrati jistabbilixxi l-qafas temporali li fih l-Istati Membri għandhom jevalwaw l-esperjenza msemmija iktar 'il fuq. Dan l-artikolu jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jirrevedu l-programmi ta' azzjoni tagħhom mill-inqas kull erba' snin u jkomplu jagħmlu hekk jekk meħtieġ. F'dan il-kuntest u lil hinn mill-Artikolu 5(4) tad-Direttiva dwar in-nitrati, huma għandhom jieħdu miżuri addizzjonali jew azzjonijiet imsaħħa skont l-Artikolu 5(5), jekk dawn ikunu meħtieġa [31].

90. Jekk ma jinstab l-ebda titjib fis-sitwazzjoni matul din ir-reviżjoni perijodika, skont il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi konkluż li l-programmi ta' azzjoni ma humiex biżżejjed [32]. F'tali każ, l-Istati Membri ma jistgħux jistennew sakemm ma jkun hemm l-ebda dubju raġonevoli dwar il-ħtieġa għal miżuri addizzjonali jew azzjonijiet imsaħħa [33]. Kif tosserva l-Kummissjoni, dan huwa iktar u iktar minnu jekk it-tniġġis ikun ippersista għal żmien twil.

91. Teżisti l-iktar l-iktar diskrezzjoni fir-rigward tal-miżuri rispettivi kif ukoll – b'rabta ma' dan – tad-data li fiha għandhom jintlaħqu l-għanijiet tal-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar in-nitrati.

92. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw din id-diskrezzjoni u għandhom jispeċifikaw liema miżuri addizzjonali ser jieħdu u meta għandhom jintlaħqu dawn l-għanijiet. Dan għaliex, skont l-Artikolu 10(1) u l-punt 4(e) tal-Anness V tad-Direttiva dwar in-nitrati, huma għandhom jippreżentaw quddiem il-Kummissjoni, kull erba' snin, rapport li jkun fih, *inter alia*, il-previżjonijiet tagħhom tal-perijodu li matulu l-ilmijiet vulnerabbli huma mistennija jirrispondu għall-programm ta' azzjoni.

93. Għaldaqstant, kull erba' snin, l-Istati Membri għandhom jirrevedu b'mod effettiv jekk il-programmi ta' azzjoni eżistenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati humiex biżżejjed sabiex jipprevjenu jew jeliminaw livell ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art ta' iktar minn 50 mg/l u għandhom jieħdu kwalunkwe miżura addizzjonali jew azzjoni msaħħa li hija meħtieġa, meta jidher li dan ma huwiex il-każ.

*3. L-evalwazzjoni tal-programmi ta' azzjoni*

94. Madankollu, sabiex jiġi eżaminat jekk il-programm ta' azzjoni eżistenti huwiex biżżejjed, hija meħtieġa previżjoni tal-impatt tiegħu fuq il-livell tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art. Barra minn hekk, jista' jkun meħtieġ ukoll li jiġi stmat liema miżuri addizzjonali huma meħtieġa.

30 Sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-322/00, EU:C:2003:532, punti 166), u tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-543/16, mhux ippubblikata, EU:C:2018:481, punt 53).

31 Ir-riferiment tal-verżjoni Ġermaniża għall-Artikolu 5 fl-intier tiegħu huwa manifestament żbaljat.

32 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-543/16, mhux ippubblikata, EU:C:2018:481, punt 61).

33 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-543/16, mhux ippubblikata, EU:C:2018:481, punti 63 u 64).

*a) Fuq l-istandard tar-reviżjoni*

95. Mit-tlettax-il premessa tad-Direttiva dwar in-nitrati, li diġà ssemmiet, jirriżulta li evalwazzjoni b'rabta mal-ilma ta' taħt l-art ma hijiex dejjem faċli, għaliex, minħabba l-kundizzjonijiet ġeoloġiċi lokali, jistgħu jgħaddu s-snin sakemm titjieb il-kwalità tal-ilma bil-miżuri protettivi. Kif barra minn hekk diġà ntqal, fatturi oħra bħall-ammont rispettiv ta' preċipitazzjoni jew ta' evaporazzjoni jista' jkollhom ukoll rwol importanti [34].

96. Id-dritt tal-Unjoni jippermetti marġni ta' diskrezzjoni wiesa' li għandu jingħata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fl-evalwazzjoni ta' kwistjonijiet kumplessi bħal dawn, kif diġà ddikjarajt reċentement fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Craeynest [35]. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet ukoll marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar in-nitrati [36].

97. B'kuntrast mal-kwistjoni fil-kawża Craeynest, li tikkonċerna l-kwalità tal-arja [37], fil-kawża preżenti ma jidhirx li t-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art min-nitrati jwassal għal riskji serji għas-saħħa tal-bniedem jew għal għanijiet komparabbli ta' protezzjoni ambjentali fl-Unjoni. Għalhekk, ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq il-marġni ta' diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

98. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-għan tad-Direttiva dwar in-nitrati, li huwa li jitnaqqas it-tniġġis tal-ilmijiet min-nitrati b'oriġini agrikola [38]. Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-għanijiet tal-politika ambjentali tal-Unjoni jintlaħqu skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 191(1) u (2) TFUE [39].

99. Għalkemm l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri tippermetti lill-qrati nazzjonali jissuġġettaw tali deċiżjonijiet diskrezzjonali għal stħarriġ strett [40], id-dritt tal-Unjoni ma jobbligahomx li jagħmlu hekk. Bħala prinċipju, huwa biżżejjed jekk l-istħarriġ ġudizzjarju jkun limitat għal żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u għal żbalji proċedurali [41]. Barra minn hekk, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk l-awtoritajiet kompetenti eżaminawx bir-reqqa u imparzjalment l-aspetti rilevanti kollha tal-każ individwali [42].

*b) Fuq l-eżami tal-aspetti rilevanti*

100. Fil-kawża preżenti, il-kjarifika tal-aspetti rilevanti kollha għandha sinjifikat partikolari. F'dan ir-rigward, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(6) tad-Direttiva dwar in-nitrati tinkludi dispożizzjonijiet rilevanti, li jobbligaw lill-Istati Membri jistabbilixxu u jimplimentaw programmi ta' monitoraġġ xierqa sabiex ikunu jistgħu jevalwaw l-effettività tal-programmi ta' azzjoni.

34 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 29.

35 C-723/17, EU:C:2019:168, punti 41 *et seq*. Dwar dan, ara, partikolarment, is-sentenzi tal-21 ta' Jannar 1999, Upjohn (C-120/97, EU:C:1999:14, punt 35), u tad-9 ta' Ġunju 2005, HLH Warenvertrieb u Orthica (C-211/03, C-299/03 u C-316/03 sa C-318/03, EU:C:2005:370, punt 76).

36 Sentenzi tad-29 ta' April 1999, Standley *et* (C-293/97, EU:C:1999:215, punti 37 u 39); tat-2 ta' Ottubru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-322/00, EU:C:2003:532, punt 46); tas-27 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Franza (C-258/00, EU:C:2002:400, punt 53); u tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Franza (C-237/12, EU:C:2014:2152, punt 30).

37 Dwar dan ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Craeynest (C-723/17, EU:C:2019:168, punti 47, 48 u 53 *et seq.*).

38 Sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2002, Il-Kummissjoni vs Franza (C-258/00, EU:C:2002:400, punt 53); tat-2 ta' Ottubru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-322/00, EU:C:2003:532, punt 46); u tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Franza (C-237/12, EU:C:2014:2152, punt 30).

39 Sentenza tal-4 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Franza (C-237/12, EU:C:2014:2152, punt 30); ara wkoll is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-322/00, EU:C:2003:532, punt 45).

40 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Craeynest (C-723/17, EU:C:2019:168, punt 39).

41 Sentenzi tal-21 ta' Jannar 1999, Upjohn (C-120/97, EU:C:1999:14, punt 35), u tad-9 ta' Ġunju 2005, HLH Warenvertrieb u Orthica (C-211/03, C-299/03 u C-316/03 sa C-318/03, EU:C:2005:370, punt 76). Ara fid-dettal dwar dan il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Craeynest (C-723/17, EU:C:2019:168, punti 38 sa 51).

42 Sentenzi tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et* (C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 61); tat-22 ta' Novembru 2012, M. (C-277/11, EU:C:2012:744, punt 88); tat-18 ta' Lulju 2013, FIFA vs Il-Kummissjoni (C-204/11 P, EU:C:2013:477, punt 20, u C-205/11 P, EU:C:2013:478, punt 21); tal-5 ta' Novembru 2014, Mukarubega (C-166/13, EU:C:2014:2336, punt 48); u tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida (C-249/13, EU:C:2014:2431, punt 38).

101. Dan ifisser, b'mod partikolari, li l-Istati Membri ma jistgħux jillimitaw ruħhom għal kejl tal-ilma ta' taħt l-art jekk, minħabba kundizzjonijiet ġeoloġiċi u klimatiċi, dan il-kejl ma jkunx adattat sabiex juri, fi ħdan iċ-ċiklu ta' reviżjoni ta' erba' snin, jekk il-programmi ta' azzjoni humiex effettivi[43]. Għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jirrikjedix li l-Istati Membri jagħmlu l-impossibbli, huma għandhom, jekk ikun hemm bżonn, jużaw minn tal-inqas metodi ta' kejl alternattivi magħrufa li huma effettivi u għandhom jagħmlu sforz xieraq sabiex jiżviluppaw metodi ġodda adattati meta dawn ikunu għadhom nieqsa. Għaldaqstant, ir-rapport Awstrijak dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati jiddeskrivi proġett pilota għat-teħid ta' kampjuni tal-hekk imsejħa ilmijiet tad-drenaġġ[44]. Barra minn hekk, jistgħu jiġu kkunsidrati mudelli ta' kalkoli jew ta' kejl fil-ħamrija 'l fuq mil-livell tal-ilma ta' taħt l-art.

102. Huwa minnu li fl-istabbiliment ta' dawn il-metodi u tal-evalwazzjoni tar-riżultati tagħhom hemm ukoll marġni ta' diskrezzjoni, peress li din hija kwistjoni xjentifika kumplessa. Madankollu, il-qrati nazzjonali għandhom mill-inqas ikunu jistgħu jeżaminaw jekk fl-aħħar mill-aħħar l-awtoritajiet kompetenti humiex jużaw dawn il-metodi u jekk tali metodi kif ukoll ir-riżultati tagħhom humiex xjentifikament plawżibbli.

*c) Fuq il-motivazzjoni tal-programm ta' azzjoni*

103. Il-qorti nazzjonali jkollha teżamina wkoll jekk il-motivazzjoni tal-programm ta' azzjoni tindirizzax id-dubji kollha, xjentifikament iġġustifikati, dwar jekk il-programm huwiex biżżejjed permezz ta' stqarrijiet li jinftiehmu u, b'mod partikolari, li huma konsistenti.

104. Kif indikat korrettement il-Kummissjoni, fl-evalwazzjoni tal-programm ta' azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, kwalunkwe valuri li jaqbżu l-50 mg/l nitrati fl-ilma ta' taħt l-art, it-tul tagħhom kif ukoll ix-xejra tagħhom huma partikolarment importanti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mistħarreġ l-argument imressaq mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali li, minkejja l-programmi ta' azzjoni li ilhom jeżistu mill-2003, il-livell tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art ma tjiebx u, f'xi każijiet, saħansitra ddeterjora.

105. Punt ieħor li jistħoqqlu l-attenzjoni huwa l-eċċess ta' nitroġenu li, skont ir-rapport Awstrijak dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar in-nitrati, ilu mill-2007 jammonta għal medja ta' 30 kg għal kull ettaru fis-sena[45]. Tali eċċess għall-inqas *prima facie* jmur kontra l-Artikolu 5(4) u l-punt 1(3) tal-Anness III tad-Direttiva dwar in-nitrati. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jillimitaw l-applikazzjoni tal-fertilizzanti fuq żoni agrikoli, bil-għan li jkun hemm bilanċ bejn il-ħtieġa stmata tan-nitroġenu tal-pjanti u l-provvista tan-nitroġenu tal-pjanti mill-ħamrija u mill-fertilizzazzjoni. Eċċess ta' nitroġenu ma tantx jista' jitqies bħala bilanċ.

106. Madankollu, ir-rekwiżiti tal-motivazzjoni tal-programm ta' azzjoni ma għandhomx jitħalltu mal-kwistjoni ta' jekk l-evalwazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti hijiex konvinċenti. Bħala prinċipju, ir-rekwiżiti tal-motivazzjoni jkunu diġà ssodisfatti jekk ir-raġunijiet jippermettu li jitwettaq l-eżami ta' jekk l-evalwazzjoni hijiex manifestament żbaljata.

43 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-543/16, mhux ippubblikata, EU:C:2018:481, punti 67 u 68).

44 Ministeru Federali għall-Agrikoltura u għall-Forestrija, għall-Ambjent u għall-Ġestjoni tal-Ilma tar-Repubblika tal-Awstrija, *EU Nitratrichtlinie 91/676/EWG - Österreichischer Bericht 2016*, pp. 58 u 59.

45 Iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 44, pp. 40 u 41.

*d) Fuq il-konstatazzjoni ta' żball manifest ta' evalwazzjoni*

107. Finalment, fir-rigward tal-konstatazzjoni ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma żviluppat ebda definizzjoni ġenerali. Madankollu, mill-ġurisprudenza jirriżulta li deċiżjoni ma tkunx ivvizzjata b'tali żball jekk tista' tittieħed "raġonevolment" [46]. Min-naħa l-oħra, kontradizzjonijiet manifesti jew nuqqas ta' elementi li jsostnu l-konklużjonijiet jistgħu jkunu r-raġuni għal żball manifest [47]. Huwa wkoll possibbli li tali evalwazzjoni tiġi miċħuda billi jintwera li ma hijiex kredibbli jew hija implawżibbli [48].

*e) Konklużjoni intermedja*

108. Bħala konklużjoni, għandu jiġi nnotat li l-qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jistħarrġu l-evalwazzjoni tal-effettività tal-programmi ta' azzjoni u d-deċiżjoni dwar jekk jittiħdux jew le miżuri addizzjonali jew azzjonijiet imsaħħa, għall-inqas fir-rigward ta' żbalji manifesti, kif ukoll jekk l-awtoritajiet kompetenti rrispettawx il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom kif ukoll ir-rekwiżiti proċedurali, b'mod partikolari l-obbligu ta' motivazzjoni, u jekk eżaminawx l-aspetti rilevanti kollha.

## V. Konklużjoni

109. Għaldaqstant, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta li ġejja għad-domandi preliminari magħmula:

1) Distributur pubbliku tal-ilma, individwu u komun bħala korp pubbliku jistgħu, bħala prinċipju, jinvokaw id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli, sa fejn huma kkonċernati mit-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art bin-nitrati, pereżempju, peress li huma mxekkla milli jużaw il-bjar tagħhom stess għall-estrazzjoni leġittima tal-ilma tax-xorb.

2) Il-miżuri li jittrasponu d-Direttiva 91/676 għandu jkollhom l-għan li jipprevjenu jew li jeliminaw livell ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art ta' iktar minn 50 mg/l meta l-iskariku ta' komponenti tan-nitroġenu ta' oriġini agrikola jikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għat-tniġġis.

3) Kull erba' snin, l-Istati Membri għandhom jirrevedu b'mod effettiv jekk il-programmi ta' azzjoni eżistenti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 91/676 humiex biżżejjed sabiex jipprevjenu jew jeliminaw livell ta' nitrati fl-ilma ta' taħt l-art ta' iktar minn 50 mg/l u għandhom jieħdu kwalunkwe miżura addizzjonali jew azzjoni msaħħa li hija meħtieġa, meta jidher li dan ma huwiex il-każ.

4) Il-qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jistħarrġu l-evalwazzjoni tal-effettività tal-programmi ta' azzjoni u d-deċiżjoni dwar jekk jittiħdux jew le miżuri addizzjonali jew azzjonijiet imsaħħa, għall-inqas fir-rigward ta' żbalji manifesti, kif ukoll jekk l-awtoritajiet kompetenti rrispettawx il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom kif ukoll ir-rekwiżiti proċedurali, b'mod partikolari l-obbligu ta' motivazzjoni, u jekk eżaminawx l-aspetti rilevanti kollha.

46 Sentenza tat-12 ta' Marzu 2002, Omega Air *et* (C-27/00 u C-122/00, EU:C:2002:161, punt 72).

47 Sentenza tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing (C-525/04 P, EU:C:2007:698, punt 60).

48 Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2018, Lubrizol France vs Il-Kunsill (C-223/17 P, mhux ippubblikata, EU:C:2018:442, punt 39).